# GĦAQDA MUŻIKALI
# QUEEN'S OWN SENGLEA A.D. 1871

## ATTIVITAJIET IMPORTANTI LI JIFFORMAW PARTI MILL-ISTORJA TAL-BANDA

Il-Belt Sengleana kienet minn ta' l-ewwel li kellha l-Banda formali tagħha. Sa mis-sena 1865 diġa' kien hawn il-Banda La Sengle taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Senglean Tomaso Galea li kien ukoll Band Master mal-Malta Fencible Artillery Band. Barra minn hekk il-Każin diġà kien ilu mwaqqaf sa mis-sena 1928 u kien kważi armat b'kollox u li kien jagħmel ġieħ lill-pajjiżna.
Fis-sena 1871 twaqqfet il-Banda La Vincitrice taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Millo li aktar tard fis-sena 1903 ħadet l-isem li għadu magħruf sal-lum Queen's Own Band Club. Għalkemm xejn ma hu magħruf uffiċjalment hemm min jgħid li dan l-isem ġie ssuġġerit minħabba r-relazzjoni li kien hemm dak iż-żmien mar-Reġina Alexandra li aktar tard nhar l-24 ta' Frar 1906 il-Gvernatur Sir Charles Mansfield għan-nom ta' l-istess Reġina ippreżenta Standard lill-President ta' dak iż-żmien Dr. Gan F. Inglott. Li hu żgur hu li d-deċiżjoni li jinbidel l-isem ittieħdet f'laqgħa tal-kumitat li kienet saret il-Ħadd 27 ta' Novembru fuq proposta tas-Sur Lando.
L-ewwel servizz li tat il-Banda kien fis-6 ta' jannar 1875 fi Strada Vitorja quddiem pubbliku nuermuż li ġie l-aktar mit-tliet ibliet. Ma sarux servizzi jew programmi aktar qabel minħabba l-fatt li ma kienux joħorġu permessi mill-awtoritajiet.
Il-Banda tagħna ukoll kienet pijuniera f'diversi attivitajiet u bħala eżempju ta' min wieħed isemmi li kienet Banda li siefret sabiex tagħmel servizz f'art barranija u dan kien nhar is-26 ta' Ġunju 1875. Fis-sena 1886 ġie organizzat l-ewwel Funeral b'marċi funebri u dan ukoll kien ġie esegwit mill-Banda tagħna u l-funeral kien tas-Sur Salvatore Borg li kien akkompanjat mill-Bażilika ta' l-Isla saċ-Ċimiterju Addolorata. Fis-sena 1921 daqqet fl-Inkurunazzjoni ta' Marija Bambina matul it-toroq ta' l-isla u prinċipalment fix-xatt waqt il-funzjoni ta' l-istess Kurunazzjoni.
Matul il-medda ta' 130 sena żaruna diversi persuni distinti u anki nobbli fosthom ta' min isemmi lill-Kardinal Lercaro 1971, l-E.T. il-President tar-Repubblika u s-Sinjorina Agata Barbara li ġiet fis-Soċjetà sabiex tinawgura Lapidi kommemorattivi, u dan ukoll kieent l-ewwel darba li President tar-Repubblika mar ġo Soċjetà uffiċjali u dan kien nhar it-23 ta' Jannar 1983, fis-26 ta' Frar 1999 żjara uffiċjali mill-Ambaxxatur ta' l-Arġentina u dan fost affarijiet oħra kien ippreżentalna standard ta' l-istess pajjiż, l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici ġie fostna diversi drabi fuq żjara uffiċjali fis-sena 1996 meta s-Soċjetà għalqet 125 sena u nawgura l-irħam ta' l-istess okkażjoni, u anke fis-sena 1999 meta nawgura esibizzjoni tad-Dgħajjes, apparti l-fatt li wara li spiċċa minn President ippreżentalna l-Bandiera li kienet titla fil-palazz ta' San Anton.
Kellna wkoll laqgħa ma' l-E.T. ir-Reġina Eliżabetta fit-28 ta' Mejju 1992 flimkien ma' għaqdiet oħra fil-Conference Centre il-Belt u aktar riċenti il-Prinċep Dwardu ġie jżurna fis-sede tagħna nhar l-1 ta' Ottubru, 1998.
Matul is-snin kellna diversi membri distinti li mexxew is-Soċjetà tagħna fosthom lill-Mons. Ponzavecchia,Dr. Joseph Howard aktar tard Prim Ministru ta' Malta, Maġistrat Soler, Dr. Calleja u anke lil Dr. Schembri bl-esperjenza u kapaċitajiet tagħhom taw bidu għal din is-Soċjetà li matul is-snin kellha diversi mumenti ta' ferħ, diżappunti u anke glorja.

